**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta'Jannar 2020**

**Rikors Numru : 111/2019 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**SC**

**Vs**

**SAC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SC datat 5 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elf disgħa mija erba' u disgħin (1994) (Ara Dok A anness) ġewwa l-Knisja ta' Santa Marija Assunta, Mosta u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt ulied u ċioe S1 li twieled nhar f'X ta' S2 li twieldet f'Y u għaldaqstant illum it-tnejn maġġorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (Ara Dok B anness);*

*Illi skont l-istess kuntratt tas-separazjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 5,) l-ebda manteniment mhu dovut fir-rispett tal-konjugi stante li l-partijiet formalment iddikjaraw li huma ddekadew mid-dritt tagħhom għall-manteniment mingħand xulxin;*

*Illi l-ebda manteniment m'huwa preżentament dovut lill-ulied skont il-liġi stante li għal ħafna snin l-ulied kienu marru joqogħdu mar-rikorrenti u lanqas hemm*

*arretrati ta' manteniment dovut;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati de facto sa mill-elfejn u tnax (2012) hekk kif dikjarat fi Klawsola 1, fit-tieni paġna tal-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) u għaldaqstant iktar minn erbgħa (4) snin mifrudin illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16, tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħalll taż-żwieġ bejnet il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku..*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimata baqghet kontumaci;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fakolta moghtija minn din il-Qorti lil intimata sabiex tipprezenta is-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art.158(10) tal-Kap.12;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

**SC** xehed a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Ġunju tas-sena 1994 Xehed illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, illum maġorenni u li t-tnejn jaħdmu. Xehed illi dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Illi mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, il-partijiet ma rrikonċiljawx u ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni. Xehed ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Ġunju 1994 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum maġorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet issepparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat 8 ta' Novembru 2013 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**